TRIBUNAL INDUSTRIJALI

VERBAL

DECIZJONI NRU. 113

KAZ NRU. 154

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Bibiana Genevose
u
Messrs. Agio Tobacco Company Ltd
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 2 ta' Frar, 1982

Chairman: A. Debono C.P.A.A.

B'ittra tat-22 t'Awissu 1981 l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol Kultura u Ghajnuna Socjali rreferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sinjorina Bibiana Genovese mid-Ditta ta' l-Agio Tobacco Company Limited ta' Bulebel Industrial Estate, Zejtun, tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal sama' l-istatement of case taz-zewg partijiet.

3. Sama' l-eccezzjoni migjuba mill-Agio Tobacco Company Ltd fis-sens li l-appellant gie terminat l-impieg taghha fi zmien tal-"Probationary Period".

4. Ra l-Industrial Agreement bejn l-Agio Tobacco Company Ltd u l-"Advice Committee" li gie iffirmat fis-17 ta' Dicembru, 1980. L-Artikolu 6 ta' l-istess ftehim jghid li l-"Probationary Period" hu ta' sitt xhur. It-Tribunal ra dikjarazzjoni tas-Sur J. Attard fejn l-Kap ta' l-Industrial Relations Section ta' l-Ufficcju tax-Xoghol ikkonferma li l-

/ .....

istess ftehim bejn l-Agio Tobacco Company Ltd u l-Advice Committee gie accettat mill-istess Ufficcju tax-Xoghol.

5. Ghalhekk jiddikjara li t-Tribunal Industrijali ma' jistax jiehu konjizzjoni tal-kaz, ghaliex l-impieg ta' l-appellant gie terminat fiz-zmien ta-"Probationary Period".

A. DEBONO
CHAIRMAN

A. BARTOLO PARNIS
SEGRETARJU

2 ta' Frar, 1982